MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 282/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Therese Spiteri**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Therese Spiteri talli fis-6 ta' April 2007 fil-Mosta ghal habta ta' 3.15pm, naqset li taghti l-access ta' binha Timothy ta' 9 snin lil Dennis Thompson u rrifjutat li taghmel dan minghajr ebda raguni xierqa, u dan bi ksur tad-digriet nru. 57/2005 mahrug fid-19 ta' Ottubru 2006 mill-Onor. Imhallef Noel Cuschieri;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta' Lulju 2007 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmija Therese Spiteri hatja u kkundannatha gimgha detenzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmija Therese Spiteri, minnha prezentat fit-18 ta’ Lulju 2007, li permezz tieghu talbet ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-12 ta’ Ottubru 2007; ikkunsidrat:

L-appellanti ghandha tlett aggravji. L-ewwel aggravju hu bazikament fis-sens li l-ewwel qorti ma messhiex sabitha hatja ghax meta xehed quddiem dik il-qorti Dennis Thompson ma setax jiftakar id-data meta huwa ma nghatax access ghal ibnu. Anke li kieku x-xhud verament ma setax jiftakar id-data preciza fl-ewwel istanza, meta xehed quddiem din il-Qorti (ta’ l-Appell Kriminali) hu ma kellu ebda problemi dwar dati. Dan l-aggravju hu forsi aktar sintomatiku tal-pika ta’ l-appellanti versu Dennis Thompson milli jista’ jkun ta’ utilita` ghal-istess appellanti, li messha taf li f’kawzi sommarji fejn id-deposizzjoni ma tigix traskritta, ix-xhieda jergghu jinstemghu *de novo* minn din il-Qorti.

It-tieni aggravju hu fis-sens li d-digriet tad-19 ta’ Ottubru 2006 ma kienx jikwalifika bhala “ordni tal-qorti” ghall-finijiet tal-Artikolu 338(*ll*) tal-Kap. 9, u dan peress li skond l-anagrafe Dennis Thompson <u>ma hux</u> missier Timothy. In fatti l-kawza li kien hemm quddiem il-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja kienet proprju istitwita minn Thompson sabiex huwa jigi dikjarat bhala missier it-tifel minflok Mario Bonello (ir-ragel ta’ Spiteri fi zmien it-twelid tal-minuri). Din il-kawza giet fil-fatt deciza mill-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja fl-<u>20 ta’ Marzu 2007</u> – u ghalhekk sittax-il gurnata <u>qabel</u> l-incident *de quo* – billi t-talba ta’ Thompson giet michuda, u dan ghar-raguni li tali talba ma setghetx, skond il-Kodici Civili taghna, tigi proposta minn Thompson. Jekk wiehed, pero`, jaqra sew dik is-sentenza jara li dik il-Qorti Civili implicitament ammettiet li Thompson kien missier Timothy. Fi kwalunkwe kaz, id-digriet tad-19 ta’ Ottubru 2006, li nghata fil-mori ta’ dik il-kawza, kien ordni validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Artikolu 338(*ll*) tal-Kap. 9, peress li bih dik il-Qorti kienet qed tirrikonoxxi, anke jekk biss temporanjament, il-

paternita` biologika ta’ Thompson. Fil-fehma ta’ din il-Qorti ma hemm xejn xi jzomm Qorti kompetenti li tkun sodisfatta mill-paternita` biologika ta’ ragel fil-konfront ta’ minuri milli taghmel, fl-interess suprem ta’ l-istess minuri, ordni ta’ access riferibbilment ghal dak ir-ragel, liema ordni, sakemm jibqa’ fis-sehh, ikun jorbot ghall-finijiet u effetti kollha tal-imsemmi Artikolu 338(*l*). Fil-kaz in dizamina u fi kwalunkwe kaz, Thompson appella mis-sentenza tal-20 ta’ Marzu 2007, u peress li allura ma jistax jinghad li fis-6 ta’ April 2007 dik is-sentenza civili kienet ghaddiet in gudikat, certament kien ghadu veljanti wkoll id-digriet tad-19 ta’ Ottubru 2006. Ghalhekk dana l-aggravju huwa infondat.

It-tielet aggravju hu dwar il-piena. Anke f’dan l-aggravju jispikka s-sens ta’ pika tal-appellanti meta din tipprova tinvoka bhala mitigazzjoni ghall-piena fuqha inflitta l-fatt li Thompson mhux jaghtiha manteniment ghat-tifel – jidher li ghall-appellanti huwa aktar importanti l-flus milli l-gid tat-tifel f’dak li hu l-irbit affettiv mal-missier naturali tieghu. Pero` din il-Qorti xorta sejra, ghal din id-darba biss, tbiddel il-piena karcerarja f’wahda pekunjarja, u dan in vista’ tal-kondotta nadifa ta’ l-istess appellanti.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellanti Therese Spiteri ghall-piena ta’ gimgha detenzjoni, u minflok tikkundannaha ammenda ta’ hamsa w ghoxrin lira (Lm25), konvertibbli f’hamest ijiem detenzjoni f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------